**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR 182451** **16.11.2018**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Inawgurata fil-Parlament ta' Malta l-wirja 'Jiddefendu l-Libertajiet Tagħna' f'għeluq it-30 sena tal-Premju Sakharov***

Id-Deputat Speaker Claudette Buttigieg inawgurat il-wirja 'Jiddefendu l-Libertajiet Tagħna' f'għeluq it-tletin sena tal-Premju Andrei Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb.

Andrei Sakharov (1921-1989) kien Russu, bniedem għaref, xjentist kbir, studjuż u awtorità fil-fiżika. Għalkemm meqjus bħala l-missier tal-bomba tal-idroġenu, hu kien min ta' quddiem sabiex iqanqal kuxjenza dwar il-perikli tal-armi tal-qerda tal-massa. Hu stinka favur l-użu tal-enerġija nukleari għal skop ta' paċi. Hu kien kritiku tal-politika tal-Unjoni Sovjetika u tal-Istati Uniti tal-Amerika, li tul il-gwerra bierda riedu dejjem iżidu u jkabbru l-ħażna tagħhom tal-armi tal-qerda tal-massa. Għalhekk hu kien meqjus bħala l-kelliemi tal-kuxjenza tal-umanità.

Sakharov, flimkien ma' oħrajn, spiċċaw eżiljati f'pajjiżu stess, f'Gorky. Minkejja li kien iżolat, hu xorta waħda baqa' jikkritika lill-awtoritajiet ta' pajjiżu għan-nuqqas ta' rispett tad-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-bniedem. Fl-1973, Andrei Sakharov ingħata l-Premju Nobel għall-Paċi bħala rikonoxximent tal-impenn straordinarju tiegħu favur id-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-bniedem. F'Diċembru 1988, il-Parlament Ewropew waqqaf il-Premju Andrei Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb sabiex jonora individwi u gruppi li l-ħidma tagħhom hi ddedikata għar-rispett tad-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-persuna umana u kontra l-ħażen ta' mexxejja oppressivi u inġusti.

Din il-wirja fotografika tagħraf il-ħidma ta' esponenti ewlenin favur id-drittijiet tal-bniedem fl-Etiopja, it-Tuneżija, fil-Kambodja u l-ħajja tar-refuġjati fil-Gwerra tal-Balkani fl-1992. Matul id-diskors tagħha, id-Deputat Speaker selmet lill-persuni nominati għall-Premju Andrei Sakharov għal din is-sena. Dawn huma:

- Għadd ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi li jipproteġu u jsalvaw lil tant emigranti mill-mewt fl-ibħra tal-Mediterran;
- Oleg Sentsov, simbolu nazzjonali għaċ-ċittadini tal-Ukrajna arrestati u mitfugħa l-ħabs mill-qawwiet ta' okkupazzjoni Russi fil-Krimea; u
- Nasser Zefzafi, politiku fil-Marokk u mexxej tal-Moviment Hirak kontra l-korruzzjoni, l-oppressjoni u l-abbuż mill-poter fir-reġjun Rif.

Il-pubbliku huwa mistieden li jżur din il-wirja fl-intrata tal-Parlament ta' Malta sat-Tnejn, 26 ta' Novembru 2018, bejn id-9.00 ta' filgħodu u l-5.00 ta' waranofsinhar matul il-ġranet tal-ġimgħa, u bejn id-9.00 ta' filgħodu u nofsinhar fis-Sibtijiet, Ħdud u festi.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775

**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**